Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Ġunju 2018**
**(OR. en)**

**9622/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0204 (COD)**

**JUSTCIV 133**
**EJUSTICE 66**
**COMER 51**
**CODEC 932**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 379 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 379 final.

Mehmuż: COM(2018) 379 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018
COM(2018) 379 final

2018/0204 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)**

{SEC(2018) 272 final} - {SWD(2018) 286 final} - {SWD(2018) 287 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fost il-kompiti tal-UE hemm dak li jiġi żviluppat spazju Ewropew ta' ġustizzja fi kwistjonijiet ċivili bbażat fuq il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u r-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi. L-ispazju ta' ġustizzja jirrikjedi kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-fruntieri. Għal dan l-għan, u biex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, l-UE adottat leġiżlazzjoni dwar in-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji[1] u dwar il-kooperazzjoni fil-kumpilazzjoni ta' xhieda[2]. Dawn l-istrumenti huma kruċjali fir-regolamentazzjoni tal-assistenza ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali bejn l-Istati Membri. L-għan komuni tagħhom huwa li jipprovdu qafas effiċjenti għall-koperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Dawn ħadu post is-sistema internazzjonali preċedenti aktar ineffiċjenti tal-Konvenzjonijiet tal-Aja[3] bejn l-Istati Membri[4].

Din il-leġiżlazzjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja għandha impatt reali fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE, kemm jekk huma individwi privati kif ukoll jekk operaturi kummerċjali. Tiġi applikata fi proċedimenti ġudizzjarji b'implikazzjonijiet transfruntiera, fejn il-funzjonament tajjeb tagħha huwa indispensabbli sabiex jiġi żgurat aċċess għall-ġustizzja u għal proċessi ġusti (eż. in-nuqqas milli jiġi nnotifikat kif xieraq l-att promotur huwa bil-bosta l-aktar ġustifikazzjoni użata għar-rifjut tar-rikonoxximent u tal-infurzar ta' sentenzi[5]). L-effiċjenza tal-qafas ta' assistenza ġudizzjarja internazzjonali għandha impatt dirett fuq il-mod kif iċ-ċittadini involuti f'tali tilwim transfruntier jipperċepixxu l-funzjonament tal-ġudikatura u tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Il-kooperazzjoni tajba bejn il-qrati hija neċessarja wkoll għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Fl-2018, madwar 3,4 miljun proċediment tal-qorti ċivili u kummerċjali fl-UE

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 1).

3 Il-Konvenzjoni tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-notifika barra l-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali; Il-Konvenzjoni tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda barra mill-pajjiż f'materji ċivili jew kummerċjali.

4 Ir-Regolamenti japplikaw għall-pajjiżi kollha tal-UE ħlief għad-Danimarka. Fid-19 ta' Ottubru 2005, id-Danimarka kkonkludiet ftehim parallel mal-Komunità Ewropea dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu għad-Danimarka. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007. Ara ĠU L 300 tas-17.11.2005, p. 55, u ĠU L 120, tal-5.5.2006, p. 23. Għandu jiġi allinjat man-noti l-oħra f'qiegħ il-paġna

5 Studju ta' valutazzjoni dwar il-liġijiet u l-prattiki proċedurali nazzjonali f'termini tal-impatt tagħhom fuq iċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi u dwar l-ekwivalenza u l-effikaċja tal-protezzjoni proċedurali tal-konsumaturi skont il-liġi tal-UE dwar il-konsumaturi) (li sar minn konsorzju mmexxi minn MPI Luxembourg), rapport finali, Ġunju 2017, disponibbli fuq https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/531ef49a-9768-11e7-b92d-01aa75ed71a1/language-en, pp.60-61. Minn hawn 'il quddiem l-"Istudju tal-MPI tal-2017".

għandhom implikazzjonijiet transfruntiera[6]. Fil-maġġoranza ta' dawn il-każijiet (jiġifieri f'dawk fejn talanqas parti waħda tirrisjedi fi Stat Membru ieħor li mhuwiex dak fejn iseħħu l-proċedimenti),il-qrati ta' sikwit japplikaw ir-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti diversi drabi matul il-proċedimenti. Dan huwa minħabba li dokumenti addizzjonali, ħafna drabi jkunu jeħtieġu notifika formali (bħad-deċiżjonijiet li jagħlqu l-proċedimenti), flimkien mal-att promotur. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti mhijiex ristretta għal proċedimenti quddiem tribunali ċivili, minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri wkoll dokumenti "extraġudizzjarji", li n-notifika tagħhom tista' tkun meħtieġa f'diversi proċedimenti barra mill-qorti (eż. f'każijiet ta' suċċessjoni quddiem nutar pubbliku, jew f'każijiet fil-qasam tal-liġi tal-familja quddiem awtorità pubblika), jew saħansitra fin-nuqqas ta' kwalunkwe proċediment ġudizzjarju sottostanti.

Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 jipprevedi mezzi rapidi u proċeduri uniformi għat-trażmissjoni ta' dokumenti minn Stat Membru għal ieħor, għall-finijiet ta' notifika f'dan tal-aħħar. Ir-Regolament jinkludi ċerti standards minimi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża (eż. l-Artikoli 8 u 19), u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġuridiċi uniformi għan-notifika ta' dokument bil-posta direttament bejn il-fruntieri.

Il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-operat prattiku tar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti f'Diċembru 2013[7]. Dan ir-rapport ikkonkluda li b'mod ġenerali l-awtoritajiet tal-Istati Membri applikaw ir-Regolament b'mod sodisfaċenti. Madankollu, ikkonkluda wkoll li l-integrazzjoni ġudizzjarja tal-Istati Membri li dejjem qed tiżdied, fejn l-abolizzjoni tal-*exequatur* (proċedura intermedja) saret regola ġenerali, tefgħet dawl fuq xi wħud mil-limiti tiegħu. Għalhekk ir-rapport fittex li jħeġġeġ dibattitu pubbliku wiesa' dwar ir-rwol tar-Regolament fl-ispazju tal-ġustizzja ċivili tal-UE u dwar kif in-notifika ta' dokumenti tista' titjieb aktar. F'konformità ma' dan, matul l-aħħar ftit snin l-implimentazzjoni tar-Regolament ġiet sottoposta għal valutazzjonijiet dettaljati fi studji, f'rapporti mill-Kummissjoni kif ukoll f'diskussjonijiet fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew[8]. Fl-2017, biex tappoġġja analiżi u konklużjonijiet rilevanti, komprensivi u aġġornati dwar it-tħaddim prattiku tar-Regolament (li jikkumplimentaw sejbiet minn eżerċizzji ta' valutazzjoni oħra), il-Kummissjoni, f'konformità mal-Linji Gwida dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, wettqet valutazzjoni tal-idoneità regolatorja (REFIT), biex jiġi vvalutat it-tħaddim tal-istrument fir-rigward tal-ħames kriterji ta' valutazzjoni obbligatorji ewlenin ta' effikaċja, effiċjenza, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE.

Is-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni REFIT intużaw bħala bażi għad-definizzjoni tal-problema fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta. Il-konklużjonijiet ewlenin huma deskritti hawn taħt.

---

6 Din iċ-ċifra tirrifletti stimi mill-istudju ekonomiku ta' Deloitte li jappoġġja l-valutazzjoni tal-impatt. L-istimi huma bbażati fuq data mill-Eurostat, mill-Kunsill tal-Ewropa, mill-Kummissjoni Ewropea għall-effikaċja tal-ġustizzja (CEPEJ), u mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll minn informazzjoni miġbura waqt l-intervisti. L-istudju (minn hawn 'il quddiem l-"istudju ekonomiku") ġie kkuntrattat lil Deloitte taħt il-kuntratt bin-nru. JUST/2017/JCOO/FW/CIVI/0087 (2017/07). Ir-rapport finali għadu ma ġiex ippubblikat.

7 COM(2013) 858 final tal-4.12.2013.

8 Ara l-lista dettaljata ta' dawn l-eżerċizzji fil-paġni minn 15 sa 17 tar-rapport ta' evalwazzjoni fl-Anness 8 tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta, SWD (2018) 287 final.

Dwar il-mezz tradizzjonali ta' trażmissjoni ta' dokument lil Stat Membru ieħor għall-fini ta' notifika hemmhekk - it-trażmissjoni permezz tal-hekk imsejħa aġenziji mittenti u riċeventi - il-valutazzjoni wriet li dan il-fluss ta' ħidma mhuwiex qiegħed jagħti r-riżultati meħtieġa fis-sens li għadu qed jiffunzjona aktar bil-mod u b'mod inqas effiċjenti milli mistenni. Għalkemm l-istrutturi l-ġodda stabbiliti mill-istrument tal-UE fl-2000 wasslu għal titjib viżibbli fil-ħin meħtieġ għall-ikkompletar tat-talbiet meta mqabbla mal-flussi ta' ħidma fil-konvenzjonijiet tal-Aja preċedenti, l-iskadenzi proposti fir-Regolament qed jinqabżu b'mod regolari. B'mod partikolari, mhux qed jiġi sfruttat il-vantaġġ sħiħ li jista' jittieħed mill-potenzjal tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti. Għalkemm ir-Regolament ġie abbozzat f'lingwa "teknoloġikament newtrali", fil-prattika mhumiex qegħdin jintużaw mezzi ta' komunikazzjoni moderni. Dan huwa parzjalment dovut għal drawwiet qodma stabbiliti, parzjalment minħabba ostakli legali, u parzjalment minħabba n-nuqqas ta' interoperabbiltà tas-sistemi nazzjonali tal-IT. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li f'dan il-kuntest jista' jinkiseb titjib sostanzjali bi ftit investiment, billi jiġu invokati r-riżultati u l-istandards legali tal-UE li diġà jeżistu.

Fir-rigward tal-metodi alternattivi ta' trażmissjoni u ta' notifika ta' dokumenti għall-provvista ta' mezzi diretti biex jiġu nnotifikati d-dokumenti fit-territorju ta' Stati Membri oħra, il-valutazzjoni kkonkludiet li għalkemm dawn jipprovdu soluzzjonijiet aktar sempliċi biex jassistu proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, hemm modi kif jistgħu jiġu mtejba : notifika bil-posta (l-Artikolu 14) skont ir-Regolament huwa metodu popolari, rapidu u relattivament irħis għat-twassil tad-dokument lid-destinatarju, iżda ma tantx huwa affidabbli u għandu rata ta' falliment għolja. L-hekk imsejħa notifika diretta skont l-Artikolu 15 tar-Regolament tipprovdi soluzzjoni affidabbli iżda l-aċċess għaliha huwa limitat. Dwar din il-kwistjoni, il-proposta tagħmel kontribuzzjoni mmirata bil-għan li titjieb l-effiċjenza tal-metodi eżistenti. Barra minn hekk ir-Regolament jikkumplimenta l-lista ta' metodi alternattivi ta' trażmissjoni u ta' notifika ta' dokumenti transfruntiera permezz tal-metodu ta' notifika elettroniku, li fir-Regolament ikun jintroduċi ekwivalenti virtwali tad-dispożizzjoni dwar in-notifika bil-posta.

It-titjib tal-mezzi ta' trażmissjoni u ta' notifika eżistenti fir-Regolament se jsir b'mod parallel mat-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża tad-destinatarju. L-interventi mmirati se jgħinu biex tintemm l-inċertezza dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' rifjut (fl-Artikolu 8) jew id-dispożizzjoni dwar sentenzi inkontumaċja (Artikolu 19).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta attwali hija marbuta mill-qrib mal-proposta li temenda r-Regolament dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda. Il-Kummissjoni qed tippreżenta ż-żewġ proposti flimkien, li jikkostitwixxu pakkett għall-modernizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

Il-proposta hija konsistenti ma' strumenti eżistenti tal-UE adottati fil-qasam ta' politika tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili. Fil-fatt, ir-Regolament jikkontribwixxi għall-effikaċja ta' dawn l-istrumenti billi jiżgura ċ-ċirkolazzjoni bla xkiel ta' sentenzi fl-UE: filwaqt li dawn ir-regolamenti tal-UE jqisu n-notifika dovuta tal-att promotur bħala prekundizzjoni neċessarja għar-rikonoxximent u għall-infurzar ta' sentenzi mogħtija fi Stati Membri oħra, ir-

Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti jistabbilixxi l-qafas, li fih għandha ssir tali notifika dovuta.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

L-aġenda tal-UE dwar il-ġustizzja għall-2020 tenfasizza li, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi eżaminata l-ħtieġa li jissaħħu d-drittijiet proċedurali ċivili, per eżempju fir-rigward tan-notifika ta' dokumenti[9]. L-għan li jitjieb il-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE huwa konformi wkoll mal-objettivi stabbiliti mill-Kummissjoni fl-istrateġija dwar is-suq uniku diġitali[10]: fil-kuntest tal-gvern elettroniku, l-istrateġija tesprimi l-ħtieġa għal aktar azzjoni biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika (inkluża dik ġudizzjarja), tintlaħaq interoperabilità transfruntiera u tiġi ffaċilitata interazzjoni faċli maċ-ċittadini.

F'konformità ma' dan, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2018 il-Kummissjoni ntrabtet li tħejji proposti għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda u tar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti[11].

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali). Is-subparagrafi (b) u (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jagħtu s-setgħa lill-UE li tadotta miżuri, b'mod partikolari fejn dan ikun meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, bil-għan li tiġi żgurata n-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji.

- **Sussidjarjetà**

L-għan tal-qasam ta' politika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili dejjem kien li jinħoloq spazju ġenwin ta' ġustizzja, fejn id-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jiċċirkolaw u s-sitwazzjonijiet ġuridiċi akkwistati taħt sistema legali waħda jiġu rikonoxxuti b'mod transfruntier fl-UE kollha mingħajr ostakli bla bżonn. Dan l-approċċ huwa bbażat fuq il-konvinzjoni li mingħajr spazju ġudizzjarju ġenwin il-libertajiet sottostanti tas-suq uniku ma jistgħux jiġi sfruttati għalkollox.

Il-problemi li għandhom jiġu indirizzati mill-inizjattiva jinqalgħu fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (li b'definizzjoni huma lil hinn mill-kapaċitajiet tas-sistemi legali nazzjonali) u jinqalgħu jew minħabba kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-awtoritajiet u l-uffiċjali tal-Istati Membri jew minħabba interoperabilità u koerenza insuffiċjenti bejn is-sistemi domestiċi u l-ambjenti ġuridiċi. Ir-regoli fil-qasam tal-liġi internazzjonali privata huma stabbiliti fir-regolamenti, billi dan huwa l-uniku mod kif tiġi żgurata l-uniformità mixtieqa. Filwaqt li fil-

[9] L-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020: it-Tisħiħ tal-Fiduċja, tal-Mobbiltà u tat-Tkabbir fl-Unjoni, COM(2014) 144 final), p. 8.

[10] COM(2015) 192 final, 6.5.2015, p. 16.

[11] Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2018 – Aġenda għal Ewropa aktar magħquda, aktar b'saħħitha u aktar demokratika, COM(2017) 650 final tal-24.10.2017, l-Anness II, il-punti 10 u 11.

prinċipju ma hemm xejn li jwaqqaf lill-Istati Membri milli jiddiġitalizzaw il-mod kif jikkomunikaw, l-esperjenza passata u l-projezzjonijiet ta' dak li se jiġri mingħajr l-azzjoni tal-UE juru li l-progress ikun bil-mod ħafna u li, anki fejn l-Istati Membri jieħdu azzjoni, l-interoperabbiltà ma tistax tiġi żgurata mingħajr qafas taħt id-dritt tal-UE. L-objettiv tal-proposta ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri nfushom u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni.

Il-valur miżjud tal-UE jinsab fit-titjib ulterjuri tal-effikaċja u tal-ħeffa tal-proċeduri ġudizzjarji, permezz tas-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-mekkaniżmi ta' koperazzjoni fir-rigward tan-notifika ta' dokumenti u b'hekk titjieb l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'każijiet b'implikazzjonijiet transfruntiera.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li hija strettament limitata għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Hija ma tinterferixxix mar-reġimi nazzjonali diverġenti għan-notifika ta' dokumenti taħt sistemi legali differenti. Għalkemm jissejjaħ Regolament "dwar in-notifika ta' dokumenti", fil-fatt l-enfasi ewlenija tar-regoli tiegħu hija li jiġu stabbiliti mezzi uniformi għat-trażmissjoni ta' dokumenti minn Stat Membru għal ieħor għall-fini tan-notifika ta' dawn id-dokumenti fl-Istat Membru l-ieħor.

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta turi li l-benefiċċji tal-proposta jegħlbu l-ispejjeż, u li l-miżuri proposti huma proporzjonati.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolament jistabbilixxi sett komuni ta' proċeduri għall-Istati Membri kollha, li huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata n-notifika b'suċċess ta' dokumenti fi proċedimenti transfruntiera. Għalhekk ir-Regolament ikkontribwixxa biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt tal-proċedura, billi issa l-Istati Membri kollha jsegwu l-istess passi, huma soġġetti għall-istess skadenzi, u jużaw formoli uniformi. Ir-Regolament għamilha wkoll possibbli li tinġieb flimkien l-informazzjoni kollha disponibbli fl-Istati Membri, u ċentralizzata din l-informazzjoni fil-portal tal-ġustizzja elettronika. Dan għen il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri. B'mod ġenerali, ir-Regolament għen konsiderevolment biex jitħaffu l-proċedimenti transfruntiera, biex b'hekk wassal għal żieda sinifikanti fl-effikaċja u fl-effiċjenza.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni *ex-post* tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, li takkumpanja l-valutazzjoni tal-impatt, jistgħu jiġu ppreżentati fil-qosor kif ġej.

L-implimentazzjoni tar-Regolament għenet biex titjieb l-effikaċja tan-notifika ta' dokumenti. Madankollu, skont ftit mill-evidenza miġbura, ir-Regolament xorta għadu jwassal għal xi

problemi, bħal dewmien jew konfużjoni għall-partijiet involuti. Għalhekk, ir-Regolament ma laħaqx għal kollox l-objettivi ġenerali, speċifiċi u operattivi tiegħu.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati**

Kif issemma fil-punt 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni, matul l-aħħar ftit snin ir-Regolament ġie sottopost għal valutazzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tiegħu, fi studji, f'rapporti mill-Kummissjoni u f'diskussjonijiet fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew[12].

Minbarra dawn l-eżerċizzji, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. Konsultazzjoni pubblika waħda li damet għaddejja bejn it-8 ta' Diċembru 2017 u t-2 ta' Marzu 2018 indirizzat kemm ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001. Waslu total ta' 131 kontribuzzjoni (l-aktar mill-Polonja, segwita mill-Ġermanja, mill-Ungerija u mill-Greċja). Żewġ laqgħat dedikati tan-Network Ġudizzjarju Ewropew indirizzaw problemi prattiċi u titjib possibbli kemm għar-Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti kif ukoll għar-Regolament dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda. Fl-4 ta' Mejju 2018 ġiet organizzata laqgħa ddedikata ma' esperti governattivi tal-Istati Membri. Fl-aħħar nett, fis-16 ta' April 2018 ġiet organizzata sessjoni ta' ħidma li fiha ħadu sehem partijiet ikkonċernati magħżula b'interess partikolari fi kwistjonijiet relatati ma' proċedimenti legali transfruntiera. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni kienu ġeneralment pożittivi.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-grupp ta' esperti dwar il-modernizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali organizza sitt laqgħat bejn Jannar u Mejju 2018[13]. Saru żewġ studji legali komparattivi komprensivi dwar il-liġijiet u l-prattiki tal-Istati Membri dwar in-notifika ta' dokumenti biex jiġu identifikati l-problemi li jistgħu jinqalgħu fl-implimentazzjoni tar-Regolament[14].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija sostnuta mill-valutazzjoni tal-impatt fid-dokument ta' ħidma tal-persunal SWD(2018) 287 li jakkumpanjaha.

---

12 Ara l-lista dettaljata ta' dawn l-eżerċizzji fil-paġni minn 15 sa 17 tar-rapport ta' evalwazzjoni fl-Anness 8 tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta, SWD (2018) 287 final.

13 Il-lista dettaljata ta' esperti hija disponibbli fir-Reġistru ta' gruppi esperti tal-Kummissjoni li tista' tiġi aċċessata fuq http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3561&news

14 Studju tal-Kummissjoni li sar minn konsorzju (magħmul mill-Università ta' Firenze, l-Università ta' Uppsala u minn DMI) jipprovdi analiżi legali komparattiva tal-liġijiet u tal-prattiki tal-Istati Membri dwar in-notifika ta' dokumenti, http://collections.internetmemory.org/haeu/20171122154227/http://ec.europa.eu/justice/civil/files/studies/service_docs_en.pdf. Il-Kummissjoni nediet studju ta' evalwazzjoni dwar il-liġijiet u l-prattiki proċedurali nazzjonali u l-impatt tagħhom fuq iċ-ċirkolazzjoni libera ta' sentenzi u dwar l-ekwivalenza u l-effikaċja tal-protezzjoni proċedurali tal-konsumaturi skont id-dritt tal-UE dwar il-konsumaturi (li sar minn konsorzju mmexxi minn MPI Luxembourg), https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/531ef49a-9768-11e7-b92d-01aa75ed71a1/language-en.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju rreveda l-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt waqt il-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 u ta opinjoni pożittiva flimkien ma' kummenti fis-7 ta' Mejju 2018. Id-DĠ Ġustizzja ħa inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord u r-rapport jispjega aħjar ir-relazzjoni bejn iż-żewġ inizjattivi dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja (din attwali u dik li temenda r-Regolament (KE) Nru 1206/2001). Issaħħet id-deskrizzjoni tal-problemi ewlenin u dik tax-xenarju bażiku. Tjiebet l-ispjegazzjoni tas-sussidjarjetà tal-istrument u tal-valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, komplew jiġu żviluppati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-effikaċja kif ukoll il-parti li tinkludi l-valutazzjoni tal-għażliet politiċi li tikkonċentra fuq l-elementi ewlenin, filwaqt li l-analiżi tal-problemi minuri ġiet trasferita fl-annessi.

Il-valutazzjoni tal-impatt ivvalutat diversi għażliet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. Ċerti għażliet twarrbu fi stadju bikri. Taħt il-pakkett ta' politika ppreferut mill-valutazzjoni tal-impatt, l-effikaċja tar-Regolament għandha titjieb prinċipalment billi jitnaqqsu l-ispejjeż u d-dewmien. B'mod partikolari din enfasizzat żewġ modifiki li huma mistennija jkunu utli: komunikazzjoni elettronika obbligatorja bejn l-aġenziji u l-faċilitazzjoni ta' notifika elettronika u notifika diretta. Dan it-titjib iżid l-effiċjenza u l-veloċità tal-proċedimenti, u jnaqqas il-piż fuq in-nies u fuq in-negozji. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-użu ta' komunikazzjoni elettronika għad-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura għandu jirriżulta f'benefiċċji, billi jitħaffu u jiġu ssimplifikati l-proċeduri ġudizzjarji u l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera.

Il-pakkett ta' politika ppreferut għandu jżid iċ-ċertezza tad-dritt billi jistabbilixxi f'livell tal-UE, modi alternattivi (ta' sostituzzjoni) eliġibbli kif jistgħu jiġu nnotifikati dokumenti bil-posta jekk id-dokument ma jkunx jista' jiġi kkonsenjat lid-destinatarju personalment. F'każijiet bħal dawn, ikun hemm ċarezza akbar dwar it-tipi ta' metodi ta' notifika aċċettati kif ukoll konsistenza akbar tal-prattika li tista' tiġi invokata fl-Istati Membri kollha.

Il-pakkett itejjeb ukoll l-aċċess għall-ġustizzja kif ukoll iċ-ċertezza tad-dritt billi jinkludi miżuri għat-titjib tal-għodod disponibbli għal-lokalizzazzjoni ta' destinatarju. Dan se jgħin biex tiġi żgurata n-notifika effiċjenti u rapida ta' dokumenti.

Il-pakkett ta' politika li ġie vvalutat kontra x-xenarju bażi jinvolvi l-introduzzjoni obbligatorja ta' riċevuta speċifika uniformi li tikkonferma l-wasla (konferma tar-riċevuta) li trid tintuża meta d-dokumenti jiġu notifikati bil-posta skont ir-Regolament. Din il-miżura hija mistennija ttejjeb il-kwalità tan-notifika bil-posta, u b'hekk tnaqqas l-għadd ta' każijiet li fihom in-notifika ma tkunx adegwata minħabba li (i) il-konferma tar-riċevuta ma tkunx kompluta jew minħabba (ii) ambigwità dwar minn effettivament ikun irċieva d-dokumenti.

Il-pakkett ta' politika jintroduċi wkoll miżura ġdida biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għan-notifika diretta ta' dokumenti, billi jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament. Il-possibilità li kemm (i) l-aġenziji mittenti kif ukoll (ii) il-qrati vestiti bil-proċedimenti fl-Istat Membru ta' oriġini u fit-territorju tal-Istati Membri kollha jużaw in-notifika diretta, għandha twassal għal trażmissjoni aktar diretta u mħaffa ta' dokumenti meta mqabbla mal-linja bażi.

Fil-linja bażi, ir-Regolament ma jissodisfax għal kollox l-objettiv li jiżdied l-aċċess għall-ġustizzja u, għalhekk, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet. Skont il-pakkett ta' politika, permess tal-emendar tad-dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar il-ħtieġa li dejjem tingħata l-informazzjoni dwar id-dritt ta' rifjut permezz tal-formola standard li tinsab fl-Anness II, l-estensjoni tal-limitu ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rifjut u l-kjarifika tar-rwol tal-qorti tal-oriġini fil-valutazzjoni tar-rifjut, wieħed jista' jistenna li tiżdied il-prevedibbiltà tal-proċedura (l-Artikolu 8 tar-Regolament). Barra minn hekk, l-għażla relatata mad-diliġenza dovuta li jenħtieġ li ssir mill-qrati qabel tinħareġ sentenza inkontumaċja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament, tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inċertezza legali.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li b'mod kumplessiv l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' politika hija meqjusa bħala aktar effiċjenti mix-xenarju bażi, u li l-pakkett itejjeb ferm iċ-ċertezza tad-dritt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Peress li din hija reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti li taqa' taħt il-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni REFIT, il-Kummissjoni eżaminat opportunitajiet għas-simplifikazzjoni u għat-tnaqqis tal-piżijiet. Id-dritt tal-Unjoni kopert minn din il-proposta japplika għan-negozjanti kollha, inklużi l-mikrointrapriżi u għalhekk mhi qiegħda ssir l-ebda eżenzjoni għall-mikrointrapriżi f'din il-proposta.

Il-proposta tistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni ġudizzjarja allinjat mal-istrateġija għal suq uniku diġitali. Din għandha tgħin biex titjieb il-veloċità u l-effiċjenza ta' proċedimenti transfruntiera billi jitnaqqas il-ħin moħli fuq it-trażmissjoni ta' dokumenti bejn l-aġenziji u billi titnaqqas id-dipendenza fuq il-komunikazzjoni bbażata fuq il-karti. Għandha tiżgura l-komunikazzjoni u l-iskambju elettroniċi siguri ta' dokumenti bejn l-utenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata, u tippermetti r-reġistrazzjoni awtomatika tal-passi kollha tal-fluss ta' ħidma. Din se jkollha wkoll karatteristiċi ta' sigurtà sabiex jiġi żgurat li s-sistema tintuża biss minn parteċipanti awtorizzati b'identitajiet verifikati.

Il-proposta se tnaqqas l-ostakli għat-tnedija ta' litigazzjoni transfruntiera madwar l-UE kollha billi tinkludi l-għodod meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-lokazzjoni attwali tad-destinatarju f'każ li l-inizjatur tan-notifika tad-dokument jew ma jkollu l-ebda tali informazzjoni ("lokalizzazzjoni mhux magħrufa") jew jekk jinstab li l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu tkun inkorretta.

Iż-żieda fl-effiċjenza tan-notifika permezz tas-servizzi postali bl-introduzzjoni ta' riċevuta uniformi speċifika li tikkonferma l-wasla, se ttejjeb il-kwalità tan-notifika permezz tas-servizz postali u tnaqqas l-ispejjeż u d-dewmien bla bżonn. Kieku fil-futur in-notifika permezz tas-servizzi postali kellha tkun ta' suċċess f'sempliċiment nofs il-każijiet fejn attwalment hemm problemi bil-valutazzjoni legali tal-konferma tar-riċevuti li jiġu rritornati lura, jistgħu jiġu ffrankati EUR 2,2 miljuni fis-sena, ammont li bħalissa jinħela fuq notifiki permezz ta' servizzi postali li ma jagħti ebda riżultat.

Permezz tal-emenda tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet proċedurali tal-partijiet (l-Artikolu 8 u l-Artikolu 19 tar-Regolament), il-proposta tindirizza wkoll il-kwistjoni tal-

protezzjoni insuffiċjenti tal-konvenut mill-effetti ta' sentenzi inkontumaċja. Wieħed jista' jistenna li dawn l-emendi se jnaqqsu l-għadd ta' każi li fihom jinqatgħu sentenzi inkontumaċja kontra konvenuti residenti fi Stat Membru, li ma jkunux saru jafu bil-proċedimenti li nfetħu kontrihom barra mill-pajjiż. Skont l-estimi tal-valutazzjoni tal-impatt, tnaqqis ta' 10% fil-volum ta' sentenzi inkontumaċja fl-UE għandu jwassal għal iffrankar ta' madwar EUR 480 000 000 fis-sena, minħabba spejjeż inqas għaċ-ċittadini fuq rimedji ġudizzjarji.

- **Drittijiet fundamentali**

F'konformità mal-aġenda tal-ġustizzja tal-UE għall-2020[15], il-Kummissjoni żgurat li l-proposta tindirizza l-ħtieġa li jissaħħu d-drittijiet proċedurali ċivili, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn is-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri.

L-ewwel nett, il-proposta tippromwovi n-notifika ta' dokumenti permezz tas-servizzi elettroniċi validi skont ir-Regolament, u b'hekk tikkontribwixxi għad-dritt fundamentali għal rimedju ġudizzjarju effettiv (l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali dwar id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust). B'hekk, id-diversità tal-ħtiġijiet u l-metodi effiċjenti ta' notifika qed jiġu rikonoxxuti, minħabba li l-partijiet se jkunu liberi li jagħtu l-kunsens tagħhom biex jaċċettaw korrispondenza b'mod elettroniku fi proċedimenti transfruntiera. Dan il-metodu addizzjonali ta' servizz, flimkien mal-prinċipju propost "diġitali b'mod awtomatiku", huwa mistenni li jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u jgħin ukoll biex jitħaffu l-proċedimenti. Barra minn hekk, għandu jnaqqas l-ispejjeż tan-notifika, kif ukoll il-possibbiltà li d-dokumenti ma jiġu nnotifikati b'ebda mod f'każ li jintużaw metodi ineffiċjenti ta' servizz.

Il-kjarifika pprovduta mill-proposta dwar id-definizzjonijiet u l-kunċetti tnaqqas ukoll l-inċertezza tad-dritt u tħaffef il-proċeduri skont ir-Regolament. Il-proposta tkun twassal għal aktar ċarezza u prevedibbiltà dwar il-proċedura tad-dritt ta' rifjut tad-destinatarji, li jiġu mħarsa aħjar id-drittijiet proċedurali tagħhom, iżda se tevita wkoll l-abbuż tad-dritt ta' rifjut, u b'hekk tħares ugwalment id-drittijiet tal-attur.

It-tieni nett, il-proposta jkollha wkoll effetti pożittivi fuq in-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 18 tat-TFUE). Il-proposta għandha tikkontribwixxi għal aċċess ugwali għall-ġustizzja peress li l-Istati Membri se jkollhom jipprovdu aċċess effettiv lil persuni barranin għall-għodod disponibbli fit-territorju tagħhom għall-fini ta' inkjesti dwar indirizzi. Dan għandu jiggarantixxi li d-destinatarju verament jirċievi d-dokument. Barra minn hekk, il-pakkett ta' politika jkun jinkludi prinċipji standardizzati ta' ċertezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li jintużaw metodi fittizji u alternattivi ta' liġijiet nazzjonali minflok ir-Regolament, meta d-destinatarju jkun domiċiljat fi Stat Membru ieħor. L-għan ta' dawn il-prinċipji huwa li tiġi eliminata l-ambigwità u l-frammentazzjoni attwali fix-xenarju bażi dwar id-drittijiet tal-partijiet fl-Istati Membri. Fl-aħħar nett, il-pakkett ta' politika jistabbilixxi wkoll perjodu ta' żmien uniformi għall-annullament ta' sentenza inkontumaċja. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu għall-ħarsien ugwali tad-drittijiet proċedurali, irrispettivament mill-Istat Membru.

[15] L-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020 - It-Tisħiħ tal-Fiduċja, tal-Mobbiltà u tat-Tkabbir fl-Unjoni, COM(2014) 144 final), p. 8.

It-tielet, it-tibdil propost favur l-użu ta' komunikazzjoni elettronika huwa mistenni li jkollu effett fuq il-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8 tal-Karta). L-implimentazzjoni teknika u t-tħaddim tal-infrastruttura elettronika jiġu determinati u kkontrollati mill-Istati Membri nfushom, anki jekk l-infrastruttura tkun parzjalment żviluppata u ffinanzjata fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li l-infrastruttura tkun ibbażata fuq arkitettura deċentralizzata. Għalhekk ir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-*data* se japplikaw esklussivament fuq livell nazzjonali għall-proċeduri differenti.

Fatturi esterni importanti fir-rigward tal-protezzjoni ta' *data* personali fil-kuntest tal-pakkett ta' politika propost huma:

– - ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR, General Data Protection Regulation)[16], li beda' jiġi applikat minn Mejju 2018, li għandu jżid is-sensibilizzazzjoni u azzjoni fil-pront biex tiġi żgurata s-sigurtà u l-integrità tal-bażijiet tad-*data*, u reazzjonijiet fil-pront f'każ ta' ksur tal-privatezza fil-ġudikatura; kif ukoll

– - it-theddid persistenti għaċ-ċibersigurtà fis-settur pubbliku. Huwa mistenni li jkun hemm żieda qawwija fl-attentati ta' attakki fuq l-infrastruttura tal-IT pubblika u li dawn jaffettwaw il-ġudikatura fl-Istati Membri; l-impatt tagħhom jista' jiġi aggravat minħabba l-interkonnettività dejjem tikber tas-sistemi tal-IT (nazzjonalment u fil-livell tal-UE).

**Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

F'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[17], fejn it-tliet istituzzjonijiet kkonfermaw li l-valutazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jenħtieġ li jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' għażliet għal azzjoni ulterjuri, ir-Regolament se jiġi vvalutat u l-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni. Il-valutazzjoni se tivvaluta l-effetti tar-Regolament fil-prattika abbażi tal-indikaturi kif ukoll analiżi dettaljata tal-livell sa fejn ir-Regolament jista' jitqies bħala rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħra tal-UE. Il-valutazzjoni se tinkludi tagħlimiet miksuba sabiex jiġi identifikat / tiġi identifikata kull nuqqas / problema jew kull potenzjal għat-titjib ulterjuri tal-impatt tar-Regolament. L-Istati Membri se jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija tar-rapport.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhi se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE. Il-proposta mhix se timponi spejjeż sinifikanti fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali, iżda pjuttost twassal għal

[16] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1)

[17] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

iffrankar. L-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali huma mistennija li jibbenefikaw minn tnaqqis fl-ispejjeż fir-rigward ta' notifiki bis-servizzi postali, iffrankar ta' ħin minħabba proċedimenti legali aktar effiċjenti, u tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi u spejjeż lavorattivi.

L-ispejjeż ewlenin għall-Istati Membri se jkunu dovuti għall-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni elettronika bħala obbligatorja għall-aġenziji mittenti u riċeventi. Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta turi li l-benefiċċji diretti li jistgħu jkunu mistennija mit-tibdil minn komunikazzjoni bbażata fuq il-karta għal komunikazzjoni diġitali jegħlbu bil-kbir dawn l-ispejjeż.

L-opportunitajiet ewlenin ta' finanzjament mill-UE taħt il-programmi finanzjarji attwali huma l-programm dwar il-Ġustizzja u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). Il-programm dwar il-Ġustizzja (baġit għall-2018: EUR 45,95 miljun) jappoġġja kapaċitajiet ta' infurzar u ta' rimedju fl-Istati Membri fil-qasam tal-ġustizzja ċivili u l-prijoritajiet ta' finanzjament futuri tiegħu jiffokaw fuq dawn l-elementi, li huma rilevanti wkoll għall-inizjattiva attwali. Is-CEF għandha baġit ferm akbar (EUR 130,33 miljun fl-2018) u toffri appoġġ finanzjarju għal proġetti tal-IT li jiffaċilitaw l-interazzjoni transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini. Diġà tintuża b'mod wiesgħa biex tiffinanzja ħidma ta' diġitalizzazzjoni u ta' ġustizzja elettronika fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, inkluż il-portal Ewropew tal-ġustizzja elettronika u l-integrazzjoni ta' dokumenti pubbliċi f'sistemi nazzjonali ta' gvern elettroniku u s-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS, Business Registers Interconnection System). Il-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-prijorità tat-trasformazzjoni diġitali, kif żvelat fit-2 ta' Mejju 2018, jinkludi EUR 3 biljun għal-linja diġitali tas-CEF, għall-finanzjament ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Se tiġi stabbilita sistema b'saħħitha għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament, inkluż sett komprensiv ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi, kif ukoll proċess ċar u strutturat ta' rapportar u ta' monitoraġġ. Dan huwa importanti biex jiġi żgurat li l-emendi jiġu implimentati b'mod effiċjenti fl-Istati Membri u sabiex jiġi verifikat jekk ir-Regolament huwiex qiegħed jirnexxielu jilħaq l-objettivi tiegħu.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

**Artikolu 1**

Dan l-Artikolu jemenda parzjalment l-istruttura tal-formulazzjoni attwali u jintroduċi distinzjoni bejn il-formulazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u dawk extraġudizzjarji. Il-lingwa attwali tad-dispożizzjoni dwar dokumenti extraġudizzjarji tibqa' l-istess. Madankollu, fir-rigward ta' dokumenti ġudizzjarji, il-proposta tiċċara li r-Regolament japplika f'kull sitwazzjoni meta d-destinatarju jkun domiċiljat fi Stat Membru ieħor. Permezz ta' dan, ir-Regolament qed jipprova jtemm il-prattika ħażina attwali li fiha n-notifika lil

konvenuti fi Stati Membri oħra ssir fit-territorju tal-Istat Membru ta' oriġini permezz ta' metodi alternattivi jew fittizji ta' notifika ta' dokumenti, kif permess mil-liġi proċedurali tal-Istat Membru ta' oriġini, irrispettivament mill-informazzjoni li l-qorti jew l-awtorità ġudizzjarja vestita bil-proċedimenti jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar l-indirizz tal-konvenut barra mill-pajjiż. Permezz tat-test dwar kamp ta' applikazzjoni ġdid, il-qrati mhux se jkunu jistgħu jagħtu tali konċessjonijiet f'sitwazzjonijiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament billi sempliċiment jikkwalifikaw in-notifika ta' dokumenti bħala "domestika".

Dan l-istandard ogħla, li jagħmilha obbligatorju li kull każ ta' notifika ta' dokumenti jkun kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament meta d-destinatarju jkun domiċiljat fi Stat Membru ieħor, japplika biss għan-notifika ta' atti promoturi. In-"notifika dwar proċedura", il-konsenja tad-dokument lid-destinatarju li jgħarrfu dwar il-ftuħ ta' proċedimenti barra mill-pajjiż, għandha rilevanza enormi għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' difiża, u għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ permezz ta' salvagwardji xierqa. Fir-rigward ta' każijiet sussegwenti ta' notifika ta' dokumenti ġudizzjarji matul proċediment ġudizzjarju, il-protezzjoni żejda hija inqas rilevanti. Dan huwa minħabba li għal dawn id-dokumenti jista' jiġi applikat l-Artikolu 7(a) il-ġdid propost. Barra minn hekk, il-liġijiet nazzjonali jistgħu jżommu dispożizzjonijiet li jobbligaw lid-destinatarju jaħtar rappreżentant li lilu jiġu nnotifikati d-dokumenti fit-territorju tal-Istat Membru ta' oriġini.

Il-paragrafu 2 jagħmilha ċara li l-Artikolu 3c tar-Regolament japplika wkoll f'sitwazzjonijiet meta l-indirizz tad-destinatarju ma jkunx magħruf.

Il-paragrafu 3 tal-Artikolu jirrepeti t-test tal-premessa fl-Artikolu 8 fir-Regolament attwalment fis-seħħ, u b'hekk joħloq ċertezza tad-dritt dwar il-karattru leġiżlattiv ta' din id-dispożizzjoni.

**Artikolu 3a**

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-komunikazzjoni u l-iskambju ta' dokumenti bejn awtoritajiet li jittrażmettu u li jirċievu ssir b'mod elettroniku, permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi nazzjonali tal-IT interkonnessi permezz ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli.

Il-paragrafu 6 jiżgura li l-mezzi alternattivi (tradizzjonali) ta' komunikazzjonijiet jintużaw f'każijiet ta' problemi mhux previsti u eċċezzjonali fis-sistema tal-IT.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-mezz ġdid ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' dokumenti permezz tas-sistema tal-IT timplika wkoll adattamenti fl-Artikoli 4 u 6.

**Artikolu 3c**

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza biex jiġi lokalizzat destinatarju fi Stat Membru ieħor. Il-proposta toffri tliet għażliet alternattivi, li minnhom kull Stat Membru jrid jipprovdi talanqas waħda fit-territorju tiegħu għal persuni li jasserixxu d-drittijiet tagħhom minn Stati Membri oħra. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni liema waħda mit-tliet għażliet se joffri skont ir-Regolament. It-tliet għażliet

huma: assistenza ġudizzjarja permezz ta' awtoritajiet nominati mill-Istati Membri; il-provvista ta' aċċess għal reġistri ta' domiċilju pubbliċi permezz tal-Portal tal-ġustizzja elettronika; jew il-provvista ta' informazzjoni dettaljata permezz tal-Portal tal-ġustizzja elettronika dwar l-għodod disponibbli għal-lokalizzazzjoni ta' persuni fit-territorji tagħhom.

**Artikolu 7 a**

Dan l-Artikolu ġdid jirrikonoxxi l-liġijiet u l-prattika eżistenti f'diversi Stati Membri, skont liema partijiet barranin fi proċedimenti jistgħu jkunu meħtieġa jaħtru rappreżentant biex lilu jiġu nnotifikati d-dokumenti fi proċedimenti kontrihom fl-Istat Membru li fih isiru l-proċedimenti. Din l-alternattiva tkun disponibbli biss wara li l-parti tkun ġiet debitament notifikata bl-att promotur. Sabiex tiġi pprovduta alternattiva xierqa għal partijiet barranin f'kawża li fil-każ tagħhom tali obbligu (it-tiftix u l-ħlas għal tali prokura fi Stat Membru ieħor) joħloq sfidi insormontabbli, ir-Regolament jipprovdi alternattiva billi jintuża l-Artikolu 15a(b) dwar in-notifika elettronika ta' dokumenti.

**Artikolu 8**

Il-proposta ttejjeb il-proċedura dwar id-dritt tad-destinatarju li jirrifjuta li jaċċetta d-dokument jekk dan ma jkunx tħejja jew ġie tradott f'lingwa xierqa. L-emendi huma konformi mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja[18].

**Artikolu 14**

Il-proposta tobbliga lill-fornituri ta' servizzi postali sabiex jużaw riċevuta speċifika li tikkonferma l-wasla (konferma tar-riċevuta) meta jinnotifikaw dokumenti bil-posta skont ir-Regolament.

Il-paragrafu 3 tar-Regolament jintroduċi standard minimu dwar persuni li għandhom jitqiesu bħala "riċevituri ta' sostituzzjoni" eliġibbli jekk il-fornitur tas-servizz postali ma jkunx jista' jgħaddi d-dokument personalment lid-destinatarju. Is-soluzzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004[19] u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006[20] u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-354/15, *Henderson*[21].

**Artikolu 15**

Din id-dispożizzjoni testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu eżistenti f'żewġ aspetti: L-ewwel nett, ma għadux jeżiġi li l-applikant ikollu interess fil-proċedimenti, u b'hekk jippermetti li aġenziji mittenti u qrati vestiti bil-kawża jużaw dan il-mod ta' notifika. It-tieni nett, fil-futur in-notifika diretta se tkun applikabbli fit-territorju ta' kull Stat Membru.

**Artikolu 15 a**

[18] Is-Sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Settembru 2015 fil-Kawża C-519/13, *Alpha Bank Cyprus,* ECLI:EU:C:2015:603; ordni tal-Qorti tat-28 ta' April 2016 fil-Kawża C-384/14, *Alta Realitat S.L.,* ECLI:EU:C:2016:316.

[19] Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15).

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).

[21] Is-Sentenza tat-2 ta' Marzu 2017, ECLI:EU:C:2017:157.

Il-proposta tintroduċi n-notifika elettronika ta' dokumenti bħala metodu alternattiv addizzjonali ta' notifika taħt ir-Regolament. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tittratta dan it-tip ta' notifika ta' dokumenti bħala ekwivalenti ta' notifika bil-posta. . Id-dispożizzjoni tilleġittima t-trażmissjoni elettronika ta' dokument mill-kont tal-utent tal-emittent direttament lill-kont tal-utent tar-riċevitur bħala metodu validu ta' notifika ta' dokumenti skont ir-Regolament, sakemm tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet alternattivi inklużi fil-paragrafi (a) u (b).

**Artikolu 19**

L-emendi għal dan l-Artikolu ġew proposti biex titnaqqas il-frammentazzjoni eżistenti fis-sistemi nazzjonali. Hemm żewġ bidliet ewlenin fil-proposta. L-ewwel nett, il-qorti vestita bil-proċedimenti se tkun meħtieġa tibgħat messaġġ ta' twissija dwar il-ftuħ tal-proċedimenti jew dwar is-sentenza inkontumaċja lill-kont tal-utent disponibbli tal-konvenut *in absentia*. It-tieni, il-perjodu ta' żmien għad-disponibbiltà tar-reviżjoni straordinarja fil-paragrafu 4 ġie ffissat b'mod uniformi għal sentejn mill-ħruġ tas-sentenza inkontumaċja.

**Artikolu 23 a**

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha twaqqaf programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 24**

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u skont il-paragrafu 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016, u tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

2018/0204 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, hemm il-ħtieġa li jkomplu jiġu mtejba u mħaffa aktar it-trażmissjoni u n-notifika bejn l-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jistabbilixxi regoli dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.

(3) L-integrazzjoni ġudizzjarja tal-Istati Membri li dejjem qed tiżdied, fejn l-abolizzjoni tal-exequatur (proċedura intermedja) saret regola ġenerali, tefgħet dawl fuq il-limitazzjonijiet tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 1393/2007.

(4) Sabiex tiġi żgurata t-trażmissjoni rapida ta' dokumenti lil Stati Membri oħra għall-finijiet ta' notifika hemmhekk, jenħtieġ li jintużaw il-mezzi kollha xierqa tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni moderna, sakemm jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet dwar l-integrità u l-affidabbiltà tad-dokumenti trażmessi. Għal dan il-għan, kull komunikazzjoni u skambju ta' dokumenti bejn l-aġenziji u l-korpi maħtura mill-Istati Membri jenħtieġ li jsiru permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi tal-IT nazzjonali.

(5) Jenħtieġ li l-aġenzija riċeventi, f'kull ċirkostanza u bl-ebda marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward, tinforma lid-destinatarju bil-miktub permezz tal-formola standard li

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .
[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, 10.12.2007, p.79).

huwa jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokument innotifikat jekk jew ma jkunx f'lingwa li jifhem jew fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post tan-notifika. Din ir-regola jenħtieġ li tapplika wkoll għal kull notifika sussegwenti ladarba d-destinatarju jkun eżerċita d-dritt ta' rifjut tiegħu. Id-dritt ta' rifjut jenħtieġ li japplika wkoll fir-rigward ta' notifiki minn aġenti diplomatiċi jew konsulari, notifiki postali u notifiki diretti. Għandu jkun possibbli li n-notifika tad-dokument irrifjutat tiġi rrimedjata permezz ta' traduzzjoni tan-notifika lid-destinatarju tad-dokument.

(6) Jekk id-destinatarju jkun irrifjuta li jaċċetta d-dokument, il-qorti jew l-awtorità vestita bil-proċedimenti legali li matulhom ikun hemm il-bżonn ta' notifika, jenħtieġ li tivverifika jekk dak ir-rifjut kienx ġustifikat. Għal dan il-għan, jenħtieġ li dik il-qorti jew awtorità tqis l-informazzjoni kollha rilevanti fil-fajl jew għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tiddetermina l-veri ħiliet lingwistiċi tad-destinatarju. Meta tkun qed tivvaluta l-ħiliet lingwistiċi tad-destinatarju, il-qorti tista' tqis elementi fattwali bħal dokumenti li jkunu nkitbu mid-destinatarju fil-lingwa kkonċernata, jekk il-professjoni tad-destinatarju tinvolvix tali ħiliet lingwistiċi (pereżempju, għalliem jew interpretu), jekk id-destinatarju huwiex ċittadin tal-Istat Membru fejn ikunu qed iseħħu l-proċedimenti ġudizzjarji, jew jekk preċedentement id-destinatarju kienx għamel xi żmien jgħix f'dak l-Istat Membru. Tali valutazzjoni ma għandhiex issir, jekk id-dokument ikun tħejja jew ikun ġie tradott fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post tan-notifika.

(7) Effiċjenza u ħeffa fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera jeħtieġu mezzi diretti u mħaffa għan-notifika ta' dokumenti lil persuni fi Stati Membri oħra. Konsegwentement, jenħtieġ li jkun possibbli għal persuna interessata fi proċediment ġudizzjarju jew għal qorti jew awtorità vestita bi proċediment legali li twettaq in-notifika ta' dokumenti direttament permezz ta' mezzi elettroniċi lill-kont tal-utent diġitali ta' destinatarju li jkun domiċiljat fi Stat Membru ieħor. Il-kundizzjonijiet għall-użu ta' din it-tip ta' notifika elettronika diretta għandhom jiżguraw li l-kontijiet tal-utent elettroniċi jintużaw għall-fini tan-notifika ta' dokumenti biss jekk ikun hemm salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tal-interessi tad-destinatarji, jew permezz ta' standards tekniċi għoljin jew f'forma ta' kunsens espliċitu mogħti mid-destinatarju.

(8) Il-mezzi diretti li diġà jeżistu għat-trażmissjoni u għan-notifika ta' dokumenti għandhom jitjiebu sabiex jipprovdu alternattivi affidabbli u ġeneralment aċċessibbli għat-trażmissjoni tradizzjonali permezz tal-aġenziji riċeventi. Għal dan il-għan, il-fornituri tas-servizzi postali għandhom jużaw konferma tar-riċevuta speċifika meta jwettqu notifiki bil-posta skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007. Bl-istess mod, jenħtieġ li jkun possibbli għal kull persuna interessata fi proċediment ġudizzjarju u għall-qrati jew għall-awtoritajiet vestiti bi proċediment legali, li jwettqu n-notifika ta' dokumenti fit-territorju tal-Istati Membri kollha direttament permezz tal-uffiċjali ġudizzjarji, ta' uffiċjali jew ta' persuni kompetenti oħra tal-Istat Membru indirizzat.

(9) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura r-rispett sħiħ lejn id-drittijiet tad-difiża tad-destinatarji, li jirriżultaw mid-dritt għal smigħ xieraq, kif imfisser fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

(10) Biex jiġi ffaċilitat l-adattament mingħajr dewmien tal-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-

emendi għall-Annessi I, II u IV ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---------------------------

*Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(11) F'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' arranġamenti speċifiċi ta' monitoraġġ sabiex tivvaluta l-effetti reali tar-Regolament u l-ħtieġa għal kull azzjoni ulterjuri.

(12) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-ħolqien ta' qafas legali li jiżgura t-trażmissjoni u n-notifika mħaffa u effiċjenti ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji madwar l-Istati Membri, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(13) F'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1) tal-protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-[Renju Unit] [u] l-[Irlanda] [innotifikaw/innotifika/innotifikat ix-xewqa tagħhom/tiegħu/tagħha li jieħdu/jieħu/tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament preżenti] [mhux se jieħdu/jieħu/tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex/mhux/mhix marbutin/marbut/marbuta bih jew soġġetti/soġġett/soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu].

(14) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(15) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għan-notifika ta':

(a) dokumenti ġudizzjarji lil persuni domiċiljati fi Stat Membru differenti minn dak fejn iseħħu l-proċedimenti ġudizzjarji;

(b) dokumenti extraġudizzjarji li jridu jiġu trażmessi minn Stat Membru għal ieħor.

B'mod partikolari ma għandux jinkludi kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

2. Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 3c, dan ir-Regolament ma għandux japplika meta l-indirizz tal-persuna li trid tiġi notifikata bid-dokument ma jkunx magħruf.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għan-notifika ta' dokument lir-rappreżentant awtorizzat tal-parti fl-Istat Membru fejn ikunu qed isiru l-proċedimenti irrispettivament mill-post tar-residenza ta' dik il-parti.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Stat Membru" tfisser l-Istati Membri bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

(b) "l-Istat Membru tal-forum" tfisser l-Istat Membru fejn isiru l-proċedimenti ġudizzjarji.;

(2) fl-Artikolu 2(4), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) il-mezzi disponibbli għalihom biex jirċievu d-dokumenti fil-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a(6); ";

(3) jiżdiedu l-Artikoli 3a, 3b u 3c li ġejjin:

*"Artikolu 3a*

**Mezzi ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw mill-aġenziji mittenti u riċeventi, u l-korpi ċentrali**

1. Dokumenti, talbiet, konfermi, riċevuti, ċertifikati u kull komunikazzjoni li ssir abbażi tal-formoli standard fl-Anness I bejn l-aġenziji mittenti u riċeventi, bejn dawk l-aġenziji u l-korpi ċentrali, jew bejn il-korpi ċentrali tal-Istati Membri differenti għandhom jiġu trażmessi permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata magħmula minn sistemi tal-IT nazzjonali interkonnessi permezz ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni li tippermetti l-iskambju transfruntier sigur u affidabbli ta' informazzjoni bejn is-sistemi tal-IT nazzjonali.

2. Il-qafas legali ġenerali għall-użu ta' servizzi fiduċjarji stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 910/2014* għandu japplika għad-dokumenti, għat-talbiet, għall-konfermi, għall-irċevuti, għaċ-ċertifikati u għal kull komunikazzjoni trażmessa permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fil-paragrafu 1.

3. Meta d-dokumenti, it-talbiet, il-konfermi, l-irċevuti, iċ-ċertifikati u l-komunikazzjoni l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu jew jinkludu siġill jew firma bl-idejn, minflok jistgħu jintużaw "siġilli elettroniċi kwalifikati" u "firem elettroniċi kwalifikati" kif definit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. Jekk minħabba problema mhux prevista u eċċezzjonali fis-sistema tal-IT deċentralizzata ma jkunx possibbli li t-trażmissjoni ssir skont il-paragrafu 1, it-trażmissjoni għandha ssir permezz tal-aktar mezz veloċi alternattiv possibbli.

--------------------------------------

* Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

*Artikolu 3b*

**Spejjeż għat-twaqqif tas-sistema tal-IT deċentralizzata**

1. Kull Stat Membru għandu jassumi l-ispejjeż marbuta mal-installazzjoni, mat-tħaddim u mal-manutenzjoni tal-punti ta' aċċess tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tiegħu b'interkonnessjoni mas-sistemi tal-IT nazzjonali fil-kuntest tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 3a.

2. Kull Stat Membru għandu jassumi l-ispejjeż marbuta mat-twaqqif u mal-aġġustament tas-sistemi tal-IT nazzjonali tiegħu biex jagħmilhom interoperabbli mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż tal-amministrazzjoni, tat-tħaddim u taż-żamma ta' dawk is-sistemi.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' applikazzjoni għal għotjiet bħala appoġġ għall-attivitajiet imsemmija f'dawk il-paragrafi taħt il-programmi finanzjarji tal-Unjoni.

*Artikolu 3c*

**Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi**

1. Fejn l-indirizz tal-persuna li trid tiġi notifikata bid-dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarju fi Stat Membru ieħor ma jkunx magħruf, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza permezz ta' mezz wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (a) assistenza ġudizzjarja sabiex jiġi determinat l-indirizz tal-persuna li trid tiġi nnotifikata mill-awtoritajiet maħtura wara talba mill-qorti tal-Istat Membru vestita bil-proċedura;

   (b) il-possibbiltà għal persuni minn Stati Membri oħra li jippreżentaw talbiet għal informazzjoni dwar indirizzi direttament fir-reġistri dwar id-domiċilju jew f'bażijiet tad-*data* oħra pubblikament aċċessibbli inkluż b'mod elettroniku, permezz ta' formola standard mill-Portal Ewropew tal-ġustizzja elettronika;

   (c) gwida prattika dettaljata dwar il-mekkaniżmi disponibbli għad-determinazzjoni tal-indirizzi ta' persuni fil-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u bil-għan li l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku.

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

   (a) il-metodu ta' assistenza li l-Istat Membru se jipprovdi fit-territorju tiegħu skont il-paragrafu 1;

   (b) meta applikabbli, l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu (1)(a) u (b).

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull modifika sussegwenti li ssir f'dik l-informazzjoni.";

(4) L-Artikolu 4 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 4*

**Trażmissjoni ta' dokumenti**

1. Id-dokumenti ġudizzjarji għandhom jiġu trażmessi direttament u kemm jista' jkun malajr bejn l-aġenziji maħtura skont l-Artikolu 2.

2. Id-dokument li għandu jiġi trażmess għandu jkun akkumpanjat minn talba li timtela bl-użu tal-formola standard li tinsab fl-Anness I. Il-formola għandha timtela fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru indirizzat jew, jekk dak l-Istat Membru jkollu diversi lingwi uffiċjali, fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn tkun se ssir in-notifika, jew f'lingwa oħra li dak l-Istat Membru jkun indika bħala aċċettabbli għalih. Kull Stat Membru għandu jindika l-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni minbarra dik tiegħu li hija/huma aċċettabbli għalih għall-mili tal-formola.

3. Id-dokumenti li jiġu trażmessi permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 3a ma għandhomx jiġu miċħuda effett legali u ammissibilità bħala evidenza fi proċeduri legali unikament minħabba li huma f'forma elettronika. Jekk dokumenti tal-karta jiġu konvertiti f'forma elettronika għall-fini ta' trażmissjoni permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata, il-kopji elettroniċi jew il-kopji stampati tagħhom għandu jkollhom l-istess effett bħad-dokumenti oriġinali.";

(5) L-Artikolu 6 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**Il-wasla tad-dokumenti għand l-aġenzija riċeventi**

1. Mal-wasla ta' dokument, għandha tintbagħat konferma tar-riċevuta awtomatika lill-aġenzija mittenti permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 3a.

2. Meta t-talba għan-notifika ma tkunx tista' tiġi ssodisfata abbażi tal-informazzjoni jew tad-dokumenti trażmessi, l-aġenzija riċeventi għandha tikkuntattja lill-aġenzija mittenti sabiex tikseb it-tagħrif nieqes jew id-dokumenti neqsin.

3. Jekk it-talba għan-notifika tkun għal kollox barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew jekk in-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet formali mitluba jagħmel in-notifika impossibbli, it-talba u d-dokumenti trażmessi għandhom jintbagħtu lura, mal-wasla, lill-aġenzija mittenti, flimkien ma' avviż ta' restituzzjoni billi tintuża l-formola standard li tinsab fl-Anness I.

4. Aġenzija riċeventi li tirċievi dokument għal notifika iżda li ma jkollhiex ġurisdizzjoni territorjali biex tinnotifikah għandha tgħaddih, flimkien mat-talba, permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 3a lill-aġenzija riċeventi li jkollha ġurisdizzjoni territorjali fl-istess Stat Membru jekk it-talba tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2) u għandha tgħarraf lill-aġenzija mittenti dwar dan permezz tal-formola standard li tinsab fl-Anness I. Meta tirċievi d-dokument u t-talba mill-aġenzija riċeventi li jkollha ġurisdizzjoni territorjali fl-istess Stat Membru, is-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 3a tibgħat konferma awtomatika tar-riċevuta lill-aġenzija mittenti." ;

(6) Jiżdied l-Artikolu 7a li ġej:

*"Artikolu 7 a*

**Obbligu li jinħatar rappreżentant għall-fini ta' notifika fl-Istat Membru tal-forum**

1. Fejn il-konvenut ikun ġie nnotifikat bl-att promotur, il-liġi tal-Istat Membru tal-forum tista' timponi obbligu fuq il-partijiet li huma domiċiljati fi Stat Membru ieħor li jaħtru rappreżentant għall-fini ta' notifika ta' dokumenti lilhom fl-Istat Membru tal-forum.

2. Fejn parti tonqos milli tirrispetta l-obbligu li taħtar rappreżentant skont il-paragrafu 1 u ma tkunx esprimiet il-kunsens tagħha li tuża kont tal-utent elettroniku għan-notifika skont il-punt (b) tal-Artikolu 15a, jista' jintuża kull mezz ta' notifika permess taħt il-liġi tal-Istat Membru tal-forum għan-notifika ta' dokumenti matul il-proċedimenti, sakemm il-parti kkonċernata tkun ġiet debitament mgħarrfa dwar din il-konsegwenza.";

(7) L-Artikolu 8 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

**Rifjut ta' aċċettazzjoni ta' dokument**

1. L-aġenzija riċeventi għandha tinforma lid-destinatarju, permezz tal-formola standard li tinsab fl-Anness II, li jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokument li se jiġi nnotifikat jekk ma jkunx miktub, jew akkumpanjat minn traduzzjoni f'waħda mil-lingwi li ġejjin:

(a) lingwa li jifhimha d-destinatarju;

jew

(b) il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru indirizzat jew, jekk dak l-Istat Membru jkollu diversi lingwi uffiċjali, il-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn tkun trid issir in-notifika.

2. Id-destinatarju jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokument fil-ħin tan-notifika jew fi żmien ġimgħatejn billi jibgħat lura l-formola standard li tinsab fl-Anness II lill-aġenzija riċeventi.

3. Meta l-aġenzija riċeventi tiġi mgħarrfa li d-destinatarju qed jirrifjuta li jaċċetta d-dokument skont il-paragrafi 1 u 2, għandha tavża minnufih lill-aġenzija mittenti billi tuża ċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 10 u tibgħat lura t-talba.

4. Jekk id-destinatarju jkun irrifjuta li jaċċetta d-dokument skont il-paragrafu 1 u 2, il-qorti jew l-awtorità vestita bil-proċedimenti legali, li matulhom tkun saret in-notifika, għandha tivverifika jekk ir-rifjut kienx ġustifikat.

5. In-notifika tad-dokument tista' tiġi rimedjata permezz ta' notifika lid-destinatarju, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tad-dokument akkumpanjat minn traduzzjoni f'lingwa prevista fil-paragrafu 1. F'dak il-każ, id-data tan-notifika tad-dokument għandha tkun id-data li fiha d-dokument flimkien mat-traduzzjoni jkunu ġew notifikati skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat. Madankollu, fejn skont il-liġi ta' Stat Membru, dokument għandu jiġi nnotifikat matul perjodu partikolari, id-data li trid titqies fir-rigward tal-applikant għandha tkun id-data tan-notifika tad-dokument oriġinali determinata skont l-Artikolu 9(2).

6. Il-paragrafi minn 1 sa 5 għandhom japplikaw għall-mezzi l-oħra ta' trażmissjoni u ta' notifika ta' dokumenti ġudizzjarji previsti fit-Taqsima 2.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-aġenti diplomatiċi jew konsulari, meta n-notifika ssir skont l-Artikolu 13, jew l-awtorità jew il-persuna, meta n-notifika ssir skont l-

Artikolu 14 jew 15a, għandhom jinfurmaw lid-destinatarju li jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokument u li kull dokument irrifjutat irid jintbagħat lura lil dawk l-aġenti jew lil dik l-awtorità jew persuna rispettivament.";

(8) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta l-formalitajiet dwar in-notifika tad-dokument ikunu tlestew, għandu jinħareġ ċertifikat ta' tlestija ta' dawk il-formalitajiet permezz tal-formola standard li tinsab fl-Anness I u jiġi indirizzat lill-aġenzija mittenti.";

(9) L-Artikoli 14 u 15 qed jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

**Notifika bis-servizzi postali**

1. In-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji tista' ssir direttament permezz ta' servizzi postali lil persuni domiċiljati fi Stat Membru ieħor permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, in-notifika bil-posta għandha ssir billi tintuża l-konferma tar-riċevuta speċifika li tinsab fl-Anness IV.

3. Irrispettivament mil-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini, notifika bil-posta għandha titqies bħala validament effettwata wkoll, jekk id-dokument ikun ġie kkonsenjat fl-indirizz tad-dar tad-destinatarju lil persuni adulti li jkunu qed jgħixu fl-istess dar bħad-destinatarju jew li huma impjegati hemm mid-destinatarju, u li għandhom il-kapaċità u huma lesti li jaċċettaw id-dokument.

*Artikolu 15*

**Notifika diretta**

1. In-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji tista' ssir lil persuni domiċiljati fi Stat Membru ieħor direttament permezz tal-uffiċjali ġudizzjarji, ta' uffiċjali jew ta' persuni kompetenti oħra tal-Istat Membru indirizzat.

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar it-tip ta' professjonijiet jew persuni kompetenti li huma permessi jwettqu notifiki skont dan l-Artikolu fit-territorju tagħhom.";

(10) Jiżdied l-Artikolu 15 a li ġej:

*"Artikolu 15 a*

**Notifika elettronika**

In-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji tista' ssir direttament lil persuni domiċiljati fi Stat Membru ieħor permezz ta' mezzi elettroniċi lill-kontijiet tal-utent li għalihom id-destinatarju jkollu aċċess, sakemm tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dokumenti jintbagħtu u jaslu lura bl-użu ta' servizzi elettroniċi kwalifikati u reġistrati ta' konsenja fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(b) wara l-bidu ta' proċedimenti legali, id-destinatarju jkun ta kunsens espliċitu lill-qorti jew lill-awtorità vestita bil-proċedimenti għall-użu ta' dak il-kont tal-

utent partikolari għall-finijiet ta' notifika ta' dokumenti matul il-proċedimenti legali.";

(11) L-Artikoli 17 u 18 qed jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 17*

**Emenda tal-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħat li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex temenda l-Annessi I, II u IV sabiex taġġorna l-formoli standard jew sabiex tagħmel tibdil tekniku f' dawn il-formoli.

*Artikolu 18*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta att delegat soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 17 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*.

5. Mal-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tibgħat notifika dwaru simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkun ġie notifikat dak l-att lil Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(12) jiżdiedu l-Artikoli 18a u 18b li ġejjin:

*"Artikolu 18 a*

**L-istabbiliment tas-sistema tal-IT deċentralizzata**

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu s-sistema tal-IT deċentralizzata kif imsemmi fl-Artikolu 3a. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18b (2).

*Artikolu 18b*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(13) L-Artikolu 19 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 19*

**Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċeduri**

1. Meta att promotur kellu jiġi trażmess lil Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' notifika skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-konvenut ma jkunx deher, is-sentenza ma għandhiex tinqata' qabel ma jiġi stabbilit li n-notifika jew il-konsenja kienet saret kmieni biżżejjed biex tippermetti lill-konvenut jiddefendi ruħu u li:

(a) id-dokument ġie nnotifikat b'metodu stabbilit mil-liġi interna tal-Istat Membru indirizzat għan-notifika ta' dokumenti f'kawżi domestiċi kontra persuni li jkunu jinsabu fit-territorju tiegħu; jew

(b) id-dokument ikun effettivament ġie kkonsenjat lill-konvenut jew lir-residenza tiegħu permezz ta' metodu ieħor previst f'dan ir-Regolament;

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-imħallef jista' jaqta' s-sentenza anki fin-nuqqas ta' ċertifikat ta' notifika jew ta' konsenja, jekk il-kundizzjonijiet segwenti kollha jkunu issodisfati:

(a) id-dokument ikun ġie trażmess permezz ta' wieħed mill-metodi previsti f'dan ir-Regolament;

(b) ikun għadda perjodu ta' żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, kif ikkunsidrat xieraq mill-imħallef fil-każ partikolari, mid-data tat-trażmissjoni tad-dokument;

(c) ma jkun wasal l-ebda tip ta' ċertifikat, minkejja l-fatt li jkun sar kull sforz raġonevoli possibbli biex jinkiseb permezz tal-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi tal-Istat Membru indirizzat.

3. Fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ikunu ssodisfati, għandhom isiru sforzi raġonevoli sabiex il-konvenut jiġi mgħarraf b'kull mezz ta' komunikazzjoni disponibbli, fosthom mezzi moderni ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni, li l-indirizz jew il-kont tal-utent tagħhom ikun magħruf mill-qorti vestita, li jkunu nbdew proċedimenti tal-qorti kontrih.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-imħallef jista', f'każ ta' emerġenza, jordna kwalunkwe miżura proviżorja jew protettiva.

5. Meta att promotur kellu jiġi trażmess lil Stat Membru ieħor għall-fini ta' notifika skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u s-sentenza tkun inqatgħet kontra konvenut li ma jkunx deher għall-proċeduri, l-imħallef għandu jkollu s-setgħa li jeħles lill-konvenut mill-effetti tal-iskadenza taż-żmien għall-appell mis-sentenza meta ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) il-konvenut, mingħajr ma jkollu ħtija, ma jkunx sar jaf bid-dokument fi żmien biżżejjed biex jiddefendi ruħu, jew ma jkunx jaf bis-sentenza fi żmien biżżejjed biex jappella;

(b) il-konvenut ikun wera li għandu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jressaq kontra l-merti tal-azzjoni.

Applikazzjoni għall-eżoneru tista' tiġi ppreżentata biss fi żmien raġonevoli wara li l-konvenut ikun sar jaf bis-sentenza.

Tali applikazzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata jekk tiġi ppreżentata aktar minn sentejn wara d-data tas-sentenza.

6. Wara li jiskadi l-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza msemmija fil-paragrafu 2, id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jippermettu eżoneru straordinarju mill-effetti tal-iskadenza taż-żmien għall-appell ma jistgħux jiġi applikati fil-kuntest ta' kontestazzjoni tar-rikonoxximent u tal-infurzar ta' dik is-sentenza fi Stat Membru ieħor.

7. Il-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal sentenzi dwar l-istatus jew il-kapaċità ta' persuni.";

(14) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2, 3, 3c, 4, 10, 11, 13, u 15. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni jekk, skont il-liġi tagħhom, dokument irid jiġi notifikat fi żmien perjodu partikolari kif imsemmi fl-Artikoli 8(3) u 9(2)."

(15) Jiżdied l-Artikolu 23 a li ġej:

*"Artikolu23a*

**Monitoraġġ**

1. Sa mhux aktar tard minn [*sentejn mid-data ta' applikazzjoni*], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

2. Il-programm ta' monitoraġġ għandu jistabbilixxi l-mezzi li permezz tagħhom se tinġabar id-data u evidenza oħra meħtieġa, u l-intervalli li fihom se jsir dan. Għandu jispeċifika l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġbir u fl-analiżi tad-*data* u ta' evidenza oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bid-*data* u b'evidenza oħra meħtieġa għall-monitoraġġ."

(16) L-Artikolu 24 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 24*

**Evalwazzjoni**

1. Mhux qabel [*ħames snin mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dan ir-Rapport."

(17) Qed jiżdied Anness IV ġdid, kif stabbilit fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika minn .....[*18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament*].

Madankollu:

(a) il-punt (14) tal-Artikolu 1 għandu japplika minn .....[*12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu*] u

(b) il-punti (3), (4) u (5) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw minn .....[*24 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri f’konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |